

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 23/2009**ta' l-14 ta' Jannar 2009****li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 1282/2001 f'dak li jirrigwarda d-data tal-għeluq għat-tressiq tal-prospetti tal-ħsad u tal-produzzjoni għas-sena tas-suq 2008/2009**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ċentri ma jistgħux jilqgħu l-prospetti kollha qabel id-data tal-għeluq.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 23 tiegħu,

- (4) Bħala rimedju għal dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet differenti, li ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tal-produtturi, u biex għalhekk jiġu evitati penali mhux ġustifikati għall-produtturi, jeħtieġ li jingħatalhom perjodu supplimentari għall-preżentazzjoni tal-prospetti tal-ħsad u tal-produzzjoni u li l-Istati Membri jibqgħalhom il-possibbiltà li jestendu dan il-perjodu sa data tal-għeluq finali.

Billi:

- (1) L-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1282/2001 ⁽²⁾ jipprovdi li l-produtturi għandhom jippreżentaw il-prospetti tal-ħsad u tal-produzzjoni sa mhux aktar tard mill-10 ta' Diċembru, bil-għan li l-produzzjoni Komunitarja tal-inbid tingħaraf fil-waqt.
- (2) Fi Stat Membru wieħed, il-ħtieġa li s-sistema tal-kompjuter tkun adattata biex titratta d-dikjarazzjonijiet obbligatorji b'riżultat tal-miżuri ġodda introdotti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 tad-29 ta' April 2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1493/1999, (KE) Nru 1782/2003, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 3/2008, u li jħassar r-Regolamenti (KEE) Nru 2392/86 u (KE) Nru 1493/199 ⁽³⁾, li għandhom rabta mar-raba' tad-dwieli tar-reġistru tal-dwieli, partikolarment id-distillazzjoni f'alkoħol tajjeb għax-xorb, ikkawżat dewmien fid-disponibbiltà ta' din is-sistema għall-produtturi.
- (3) Fi Stat Membru ieħor, irriżulta li kien hemm problema ta' kapaċità fuq miċ-ċentri tal-informatika fejn il-produtturi jeħtiġilhom jagħmlu l-prospetti msemmija. Dawn iċ-

- (5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Artikolu 1 B'deroga mill-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1282/2001, għas-sena tas-suq 2008/2009, il-prospetti msemmija fl-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament imsemmi jistgħu jitressqu sal-31 ta' Diċembru 2008. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu itawlu dan il-perjodu sa mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar 2009.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-10 ta' Diċembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Jannar 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 176, 29.6.2001, p. 14.

⁽³⁾ ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1.